MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru 524/2013

**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**MALCOLM BRIAN MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Malcolm Brian Mercieca ta’ 28 sena, bin Silvana Mercieca, mwieled Pieta’ fis-16 ta’ Mejju 1985, residenti 6, Qasam Bini tal- Gern, Rikazoli, Kalkara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 279285M;

Talli;

1) Nhar l- 1 ta’ Mejju 2013 ghall-habta tal- 17.00hrs gewwa l- Arriva Bus Terminus, Floriana, ikkommetta serq minn fuq il- persuna ta’ Mikiel Duca, anzjan ta’ 75 sena, liema serq hu kkwalifikat bil- valur li jaqbez €232.94 izda inqas minn €2329.37;

2) Ukoll talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi tal- Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tghaddi minnufih sabiex tikkonsidra l-piena u taghti s-sentenza. Dan hu r-reat tipiku li bl-ingliz jissejjah "pickpocketing". L-imputat kien qieghed wara persuna anzjana li kienet qed tistenna li tirkeb tal-linja, u fil-pront hadlu l-kartiera mill-but ta' wara tal-anzjan. Ta' dan kollu hemm ritratti mehuda minn filmat minn camera sitwata fil-bieba tal-vettura, li juru sekonda b'sekonda l-htif tal-kartiera mill-but kif gia' spjegat. Mill-istess filmat gie individwat l-imputat u gie interrogat mill-Pulizija, fejn hu kien ammetta li kien wettaq din is-serqa. Kwantu ghall-piena, biz-zieda minhabba r-recidiva, il-Qorti ser ikollha taghti piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal piena ta’ sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------